MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 1576/1999/1

**Reverendu Joe Borg**

**v.**

**Felix Agius**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Din hi kawza ta' libell, fejn l-attur qed jappella mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, moghtija fid-29 ta' Jannar 2003, li kienet cahdet it-talbiet tieghu, bl-ispejjez kontra tieghu.

L-attur, fic-citazzjoni tieghu, fisser li hu kien gie malafamat b'artikolu li deher f'pagna 33 tal-harga tat-8 ta' Novembru 1998 tal-gazzetta ta' kull nhar ta' Hadd "Kullhadd" (li taghha l-konvenut kien l-editur), intestat "Favur id-delegat ta' l-Arcisqof – Il-Gens – Il-Gens suppost bilancjat, imma favur il-P.N.". L-attur ilmenta in partikolari mill-bran segwenti:

**"Kien [Fr Joe Borg] ighid li z-zmien taht il-Labour kien qiesu bhaz-zmien Bejrut meta konna qed naraw fuq it-TV xeni ta' terrur, qtil, insara jaharbu fuq il-muntanji biex ma jigux massakrati mill-musulmani, djar imfarrka kull fejn thares, tfal zghar u ommijiet stuprati minn suldati, imhollija maqtula fit-toroq imdemmija ta' Bejrut.**

**"Li tghid li Malta taht il-Partit tal-Haddiema saret Bejrut ifisser kif trid tpingi bl-aghar kuluri l-hidma tal-Partit Laburista. Nesa s-sittinijiet u l-hmieg li twettaq."**

L-attur ghalhekk talab lil-Prim Awla tal-Qorti Civili (1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront tieghu minhabba li l-artikolu fuq imsemmi huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li jesponih ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku, u (2) tikkundanna lill-konvenut ihallsu dik is-somma li l-Qorti tillikwida f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira (Lm5,000) u dana bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama li l-attur sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija u dan a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) – u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Il-konvenut Felix Agius eccepixxa li l-artikolu in kwistjoni ma kienx libelluz fil-konfront ta' l-attur u li, subordinatament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni li huwa *fair*

*comment* maghmul in buona fede u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatt, liema fatt huwa sostanzjalment veru, it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

**Is-sentenza appellata**

Kif inghad, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur, wara li kkunsidrat is-segwenti:
"L-attur ghamel dina l-kawza kontra l-konvenut li bhala editur tal-gurnal Kull Hadd tat-8 ta' Novembru, 1998 f'pagna 33 ippubblika artikolu intestat "FAVUR ID-DELEGAT TA' L-ARCISQOF - IL-GENS - Il-Gens Suppost bilancjat, imma favur il-PN". L-attur hassu ngurjat b'dan l-artikolu billi fih il-konvenut attribwixxa fatti determinanti fil-konfront tieghu meta nkiteb li l-attur kien ighid li "z-zmien il-Labour kien qisu bhal zmien Bejrut meta konna naraw fuq it-TV xeni ta' terrur, qtil, insara jaharbu fuq il-muntanji biex ma jigux massakrati mill-musulmani, djar imfarrka kull fejn thares, tfal zghar u ommijiet stuprati minn suldati, imhollija maqtula fit-toroq imdemma ta' Bejrut…. Li tghid li Malta taht il-Partit tal-Haddiema saret Bejrut tfisser trid tpingi bl-aghar kuluri l-hidma tal-Partit Laburista. Nesa s-sittinijiet u l-hmieg li twettaq".

"L-attur spjega li hassu ukoll malafamat bl-artikolu billi l-allegat diskors gie attribwit lilu bhala delegat ta' l-Arcisqof bl-implikazzjoni li kien qisu qed jghidu f'isem l-Isqof.

"L-attur cahad li kien qal li fi zmien immexxi mill-Partit Laburista Malta kienet saret qisha  Bejrut.  Hu esebixxa zewg kopji tal-gazzetta L-Orizzont biex juri li fil-1984 hu kien cahad li qal dak id-diskors. F'dak iz-zmien il-konvenut kien editur tal-gazzetta L-Orizzont u ghalhekk suppost kien jaf, meta inkiteb l-artikolu inkriminat fil-gazzetta Kull Hadd li taghha kien ukoll editur, li l-attur kien diga` cahad li qal dak id-diskors.

"Fl-artikolu tas-26 ta' Ottubru, 1984 l-attur kien kiteb lill-gazzetta msemmija u b'riferenza ghall-rapport li kien deher fil-harga tal-gurnata ta' qabel, qal li "jekk ir-rapport tal-gazzetta (L-Orizzont) huwa rapport fidil u ezatt ta' dak

li inti ghidt li kitbet id-Daily Express, allura jiddispjacini nghid li fejn ghandi x'naqsam jien, gejt irrappurtat b'mod sensazzjonali u barra mill-kuntest u allura mhux korrett".

"Fil-kopja tal-gazzetta tat-3 ta' Novembru, 1984 fl-artikolu li inkiteb minn Remig Sacco, dana jikkummenta fuq l-artikolu li deher fuq id-Daily Express "*Looks like a Joke*" u jghid li Father Borg kellu ragun joqmos u jikteb lura lill-Editur ta' l-Orizzont li gie rapportat b'mod sensazzjonali u barra mill-kuntest u allura mhux korrett.

"Il-konvenut qed jeccepixxi li l-artikolu nkriminat mhux libelluz u li subordinatament inkwantu l-artikolu jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni dan huwa *fair comment* maghmul *in buona fede*, u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatt, dan il-fatt huwa sostanzjalment veru.

"L-attur qed isostni invece li l-allegat fatt mhux veru u l-artikolu hu bazat fuq fatt skorett. Hu qed isostni li hu qatt ma qal li fi zmien immexxi mill-Partit Laburista Malta kienet saret qisha Bejrut.

"Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero' hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragionevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta` in partikolari. "Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ... …, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici". Illi konsistenti ma' dan il-principju isegwi li "kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi".

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt l-attur kien gie rappurtat f'gurnal Ingliz li qal "*in these small tightly knit islands it will make Beirut look like a joke*". Fid-dokument

ezibit mill-attur (ara kopja ta' l-Orizzont tat-3 ta' Novembru, 1984) wara li gie kwotat x'qal Dr. E. Fenech Adami fid-Daily Express: "*I fear violent eruption - soon*". "*And should that happen*", imbaghad gie rappurtat dak li qal l-attur "*in these small tightly knit islands it will make Beirut look like a joke*". Diskors bhal dan deher f'artikolu fid-Daily Express imma l-attur qed jissottometti li hu kien gie kwotat barra mill kuntest.

"Dwar dana, cjoe` li l-attur gie kwotat barra mill-kuntest, il-Qorti ghandha biss il-kelma ta' l-attur. Fil-1984 il-konvenut kien irrisponda lill attur (ara gazzetta msemmija) li hu kien irrapporta fedelment dak li nkiteb fl-artikolu. Dan ma jfissirx li ma jistax ikun veru li l-attur gie kwotat skorrettement izda ma jidhirx li hu kien irribatta l-gazzetta Ingliza dwar dak li nghad li hu qal. F'din il-kawza ma ngabx l-artikolu li kien inkiteb fid-Daily Express. Lanqas ma jirrizulta li l-attur kien ha xi passi kontra l-gazzetta Ingliza biex jinsisti li tidher it-twegiba tieghu u lanqas ma jidher li hu kien ghamel xi libell kontra l-gazzetta Ingliza.

"Ghalhekk l-attur ma jistax jghid li hu ma kienx gie rrappurtat li qal li Malta kienet ser issir aghar minn Beirut. L-attur mhux qed jichad li gie rrappurtat li qal hekk izda qed jghid li kien gie kwotat barra mill-kuntest. Imma dana hu kellu jarah mal-korrispondent Ingliz u mhux ma min, skond hu, irriproduca fedelment dak li nkiteb fl-artikolu.

"*Punishing a journalist for assisting in the dissemination of statements made by another person would seriously hamper the contribution of the press to discussion of matters of public interest and should not be envisaged unless there were particularly strong reasons for doing so. ……A general requirement for journalists to distance themselves systematically from the content of a quotation that might insult or provoke a third party or damage his reputation was not reconcilable with the press's role of providing information on current events, opinions and ideas*" (ara sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Thoma vs Luxembourg tad-29 ta' Marzu, 2001).

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li dak li ntqal fl-artikolu inkriminat kien bazat fuq fatt li deher f'gazzetta ohra u l-attur ma kienx irribatta. Ghalhekk l-artikolist tal-gazzetta Kull Hadd kellu dritt jikkummenta bil-mod li ghamel fuq xi tfisser li Malta tkun bhal Bejrut. Dan kien kaz li ggenera nteress fil-pubbliku u fejn kienet nvoluta persuna pubblika u ghalhekk il-limiti tal-kummenti kienu wiesghin."

## L-appell ta' l-attur

L-attur appella permezz ta' rikors minnu ppresentat fis-17 ta' Frar 2003. Huwa ghandu bazikament tliet aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: (i) l-ewwel qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti u dan mhux biss ghax donnha ma accettatx il-kelma ta' l-attur li hu ma kienx qal dak il-kliem (f'dik il-parti tas-sentenza fejn jinghad *"…il-Qorti ghandha biss il-kelma ta' l-attur"*) izda ghax naqset milli tiddistingwi bejn dak li gie attribwit lill-attur fl-artikolu inkriminat u dak li precedentement kien gie attribwit lilu minn gazzetta Ingliza; (ii) l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin in kwantu injorat ghal kollox id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 24 [1] tal-Kap. 248, kif ukoll in kwantu ikkonkludiet li l-attribuzzjoni ta' kliem lill-attur kien kumment u mhux attribuzzjoni ta' fatt, u dan meta l-attribuzzjoni tal-kliem in kwistjoni lilu kien malafamanti u libelluz. L-appellat Felix Agius ma pprezenta ebda risposta ghar-rikors ta' appell, u fl-unika udjenza quddiem din il-Qorti – dik tat-22 ta' Novembru 2005 – id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

1. Mill-atti tal-process quddiem l-ewwel Qorti huwa evidenti li l-konvenut, apparti l-eccezzjonijiet li huwa formalment qajjem, qed jargumenta li dak li nkiteb fl-artikolu inkriminat b'referenza ghal dak li allegatament qal l-attur, kien ibbazat fuq dak li baqa' impressjonat f'mohh

[1] L-Artikolu 24 jipprovdi hekk: "Ebda wahda mill-persuni imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan [i.e. l-awtur tal-kitba, l-editur, ir-responsabbli ghall-pubblikazzjoni] ma tista' tipprova, b'difiza taghha, li l-kitba hija kopja, jew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba ohra li diga` giet stampata jew pubblikata xort' ohra."

diversi gurnalisti, u cioe` li xi darba l-attur kien semma l-belt ta' Bejrut b'xi konnessjoni ma' Malta. Infatti l-konvenut tella' diversi xhieda – Anton Cassar, Lino Cassar, Joe Vella, u Remig Sacco – li xi whud minnhom, bhal l-istess konvenut, jinsistu li xi darba x'imkien l-attur kien qal xi haga fis-sens li kkonnetta Malta ma' Bejrut, pero` hadd minnhom (hlief ghal Anton Cassar u Joe Vella) ma seta' jippreciza ezatt x'intqal u fejn. Anton Cassar (fol. 29) qal li l-attur kien qal *"'Malta ser issir Bejrut' Kien l-attakk sfrenat fuq il-Gvern Laburista naturalment mill-Gvern Nazzjonalista. Kienet il-kampanja tal-Partit Nazzjonalista qabel l-1987 qabel ma telghu n-Nazzjonalisti ovvjament fil-poter u Father Borg dak iz-zmien kien qalha din."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Lino Cassar (fol. 31 u 32) ighid hekk: *"Naf li Father Joe Borg kien ipparaguna lil Malta xi ghoxrin sena ilu f'azzjoni li kien hemm Bejrut, meta kien hemm il-Gwerra Civili fil-Lebanon. Kont qrajtha din x'imkien. Jien kont ippikkjajt din u bqajt nghidlu dejjem, nirreferi ghalih bhala Don Bejrut. Qatt m'ghamilli libell."* U meta rega' xehed a fol. 66 l-istess Lino Cassar qal hekk: *"Fr. Borg kien qal xi haga li Malta kienet saret Bejrut. Jien kont qrajtha x'imkien…Qalha Fr. Borg x'imkien."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-konvenut in kontro-ezami (fol. 67) qal: *"Jien din kont qrajtha li Fr. Borg kien qal li Malta hija Bejrut pero` ma nafx fejn ezatt."* (sottolinear tal-Qorti). Remig Sacco (fol. 42) qal hekk: *"L-attur fic-cirku tal-gurnalisti ahna nafuh bhala Joe Borg Bejrut. Naf li l-attur kien gie rapportat jew li kiteb xi haga li Malta tista' ssir bhal Bejrut."* (sottolinear ta' din il-Qorti). L-aktar li kien preciz fid-deposizzjoni tieghu kien Joe Vella (fol. 37) li xehed hekk: *"U kien bdew jassocjawh* [lill-attur] *li speci fil-kitba tal-gurnali tal-Partit u tal-Union kienu jakkuzawh li pparaguna lil Malta ma' Bejrut. Wara niftakar li kien spjegat personalment lili li hu kien dejjem kwotat hazin, qatt ma qal li Malta hija Bejrut. Pero` speci baqghu il-gurnali taghna min jikteb xi kultant xi artikolu jew hekk jghid Fr. Joe Bejrut pero` mhux ghax, hu kien iccara li ma riedx, li kien ikkwotat hazin meta qalu xi haga hekk. Kien ghamilha cara u kiteb artikolu u qalha iktar minn darba."* (sottolinear tal-Qorti).

2. Jidher li dan hu kaz fejn il-laqam li persuna takkwista, tortament jew intortament, jispicca biex maz-zmien jigi storpjat b'tali mod li jigi attribwit lil dik il-persuna, proprju minhabba dak il-laqam, diskors li hija qatt ma tkun qalet. Infatti mill-provi jirrizulta li f'xi zmien f'Ottubru ta' l-1984 (ara l-kopja ta' l-Orizzont a fol. 55 tal-process) il-gazzetta Ingliza *Daily Express*, wara li kkwotat dak li kien qal l-allura kap ta' l-Opposizzjoni Dott. Eddie Fenech Adami – *"I fear violent eruption – soon"* – ziedet tghid li **jekk** dan javvera ruhhu l-attur kien qal li *"in these small tightly knit islands it will make Beirut look like a joke"*. Issa, apparti jekk l-attur hawn giex ikkwotat mill-gazzetta Ingliza barra mill-kuntest, jew addirittura jekk giex ikkwotat korrettement, jibqa' l-fatt li dak li qed jigi attribwit (mill-gazzetta Ingliza) li qal l-attur huwa totalment differenti minn dak li jinghad li huwa qal fl-artikolu inkriminat meritu ta' din il-kawza. L-artikolu – li l-parti relevanti tieghu ga giet riprodotta aktar 'l fuq f'dana l-gudikat – tghid car u tond li l-attur qal li Malta, taht gvern Laburista, kienet bhal Bejrut (mhux li tista' ssir bhal Bejrut jekk ikun hemm *"violent eruption"*) b'dawk l-atrocitajiet kollha msemmija, u li din l-ekwiparazzjoni bejn Malta u Bejrut l-attur ghamilha semplicement biex ihammeg lill-Partit tal-Haddiema. Din hi attribuzzjoni ta' fatt – li ntqalu dawn il-kliem – u mhux kumment, kif donnu qed jipprova jargumenta l-appellat. Din l-attribuzzjoni ta' fatt kienet libelluza – jekk kemm-il darba jirrizulta li dan il-kliem ma intqalx mill-attur – ghax jew min qal dan il-kliem qed jghix fuq il-pjaneta Zog in kwantu dawk l-atrocitajiet li jissemmew ma sehhewx f'Malta, jew, bhalma jimplikaw l-ahhar zewg sentenzi tal-bran riprodott, ghax l-attur kien moghmi mill-parteggjanizmu politiku meta qalu. Issa, il-fanatizmu politiku, meta falsament attribwit lil sacerdot li hu msejjah skond il-vokazzjoni tieghu biex jahdem mal-fidili kollha irrispettivament mill-kulur politiku taghhom[2], jammonta ghal malafama jew, skond il-kaz, libell.

3. Fil-kaz in dizamina gie sodisfacentement pruvat, kemm mid-deposizzjoni ta' l-istess attur kif ukoll mid-dokumenti ezibiti u mid-deposizzjoni tax-xhud Joe Vella, li

[2] Ara *passim* is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-24 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet ***Dun Mikiel Camilleri v. Frans Ghirxi***.

l-attur appellant qatt ma qal li Malta, taht Gvern Laburista, kienet bhal Bejrut b'dawk l-atrocitajiet imsemmija, u ghalhekk ebda difiza ta' *fair comment* ma tista' tregi. Huwa irrelevanti wkoll dak li jinghad fis-sentenza appellata, b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Thoma v. Luxembourg***, u dan peress li fil-kaz in dizamina m'ghandniex sitwazzjoni fejn xi hadd qieghed semplicement jirriproduci x'qal haddiehor: fil-kaz in dizamina l-artikolista <u>ivventa kompletament</u> dak li snin qabel l-attur suppost qal lil gurnal Ingliz.

4. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant, u anke parti mit-tieni aggravju, jimmeritaw li jigu akkolti. Fic-cirkostanzi jkun ezercizzju purament akkademiku li din il-Qorti toqghod tidhol fil-kwistjoni ta' l-Artikolu 24 tal-Kap. 248, u ghalhekk din il-parti tat-tieni aggravju mhux ser tigi kkunsidrata.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement (i) tiddikjara lill-konvenut appellat Felix Agius responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur appellant Reverendu Joe Borg minhabba li l-artikolu aktar 'l fuq imsemmi huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur u jesponih ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku, u (ii) tikkundanna lill-konvenut appellat Felix Agius ihallas lill-attur appellant Reverendu Joe Borg, fit-termini ta' l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248, is-somma ta' hames mitt lira (Lm 500), bl-imghax legali dekorribbli mill-lum sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez kollha, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell, ghandhom jithallsu mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------